## Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Dr. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tat-8 ta' Jannar 2001**

**Citazzjoni numru 2668/98 GC**

**Jennifer Portelli propio et nomine**

**vs**

**John Portelli**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Jennifer Portelli fejn ippremettiet:-

Illi l-esponenti giet fdata bil-kura u l-kustodja tat-tlett'itfal minuri taz-zwieg, u cioe' Francesca ta' 11-il sena, Andrea ta' 9 snin u Christina ta' 5 snin;

Illi t-tifel minuri Andrea beda juri sinjali ta' disturb psikologiku, u l-sponenti qabdet il-psikologu Paul Sciberras sabiex ajghtih it-terapija psikologika mehtiega, u dana stante illi l-imsemmi tifel sar vjolenti kemm ma' hutu bniet kif ukoll ma' l-esponenti, u kkaguna hsarat fuq l-ghamara u d-dar ta' abitazzjoni ta' l-esponenti;

Illi l-istess tifel Andrea beda jesprimi x-xewqa illi jghix ma' missieru l-intimat, u wara illi hadet parir minghand il-psikologu Paul Sciberras l-esponenti waslet ghall-konkluzjoni illi dan seta' jkun fl-ahjar interess tat-tifel u bi ftehim bejn il-partijiet it-tifel mar jirrisjdi fuq bazi temporanju ma' missieru fejn dam minn Frar sal-bidu ta' Ottubru ta' din is-sena;

Illi matul dan il-perjodu ta' ghaxar xhur, l-intimat ma kompliex bit-terapija psikologika illi kellu bzonn it-tifel u dana minkejja l-fatt illi t-tifel kompla juri l-istess attitudni vjolenti anke fl-iskola;

Illi fil-bidu ta' Ottubru, 1998 peress illi t-tifel Andrea talab lill-esponent sabix jerga' jirrisjedi maghha, llum il-gurnata huwa qieghed jghix fid-dar ta' ommu flimkien ma' hutu l-bniet;

B'danakollu, t-tifel qieghed jerga' juri l-istess atteggjament vjolenti u disturbat u l-esponenti ghalhekk komplietlu mall-ewwel bit-terapija psikologika illi kienet tant nieqsa matul il-perjodu meta ghex ma' missieru;

Illi dawn is-seduti ta' terapija psikologika jqumu Lm15.00 fis-siegha, u skond il-psikologu t-tifel ghandu bzonn "session" wiehed fil-gimgha fuq bazi kontinwu u konsistenti;

Illi ghalkemm fl-ahhar seduta mizmuma quddiem din l-Onorabbli Qorti l-intimat iddikjara illi kien bi hsiebu jkompli bit-terapija psikologika illi jinhtieg it-tifel, dan ma kienx il-kaz, u l-intimat qieghed jirrifjuta ukoll illi jhallas ghal jew jikkontribwixxi ghas-sessjonijiet ta' terapija illi l-esponenti regghet bdiet bil-hsieb illi tikkura lil binha;

Illi ukoll minkejja l-fatt illi l-intimat kien qal lill-esponenti illi l-psikologu mqabbad minnha kien ghali wisq u illi kien sejjer isib psikologu iehor, l-intimat ma ha l-ebda passi sabiex ifittex psikologu iehor, u l-kondotta tat-tifel qieghda dejjem tiddeterjora.

Ghaldaqstant r-rikorrenti talbet li din il-Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara, prevja okkorrendo wara illi tisma' l-psikologu Paul Sciberras, jew espert psikologu iehor imqabbad minnha, x'trattament ghandu bzonn it-tifel minuri Andrea Portelli;

2. Tordna lill-intimat sabiex ihallas ghat-trattament illi jigi dikjarat mehtieg fl-ahjar interess tat-tifel minuri;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta ta' l-intimat fejn gie sottomess :-

Illi in vista tar-rikors, l-esponent ihoss ruhu obbligat jghid is-segwenti:

a) l-iskop tar-rikors hu biss intiz biex ir-rikorrenta, bi skuza tat-tifel, tisloh iktar flus mill-esponent meta diga' qed ihallas kollox ghar-rigward il-bzonnijiet sia tat-tifel kif ukoll ghall-ulied ohrajn.  Illi dan qed jinghad apparti mis-somma ta' mitejn lira maltin (Lm200) li l-esponent qed ihallas bhala manteniment lir-rikorrenta;

b) illi r-rikorrenta ma kinitx kuntenta bid-diploma li gabet mill-Universita' fuq Social Work imma imxiet ghal-livell ta' degree.  Meta r-rikorrenta hadet din id-decizjoni, ma qaghditx tahseb fuq il-bzonn li tibda tahdem ghal uliedha;

c) illi apparti mis-suespost, l-attitudni u d-diskors taghha ghar-rigward ta' flus qatt ma kien fuq bazi ta' "contribute" imma "pay up".  Illi issa wasal iz-zmien li r-rikorrenta tigi mrazzna fuq din is-sitwazzjoni u tigi imgieghla tirrealizza l-obbligi taghha fil-konfront tat-tfal taghha stess;

d) illi l-wasla tar-rikors hi opportun bhala vot ta' sfiducja ghar-rikorrenta li hi stess, f'argunment ma' l-esponent indikatlu: "Ara x'ser taghmel bit-tifel inti ghax ma nistax nikkontrollah iktar, ha naqbad u nitfaghhulek wara l-bieb." Din turi nuqqas ta' hila da parti tar-rikorrenta stante li l-esponent kien kapaci jzomm it-tifel ghandu ghal disa' xhur shah b'kapacita' kbira u b'success. Ta' min isemmi li meta r-rikorrenta qed taghmel kors l-Universita' fuq "social work", jidher li l-kors mhux qed ihalli effett necessarju u mixtieq;

e) illi l-verita' hi li in vista' ta' l-attitudini tar-rikorrenta kif ukoll il-genituri taghha, dawn qed jaghmlu hsara lit-tliet ulied u mhux biss it-tifel minuri Andrea bir-rizultat li filwaqt li t-tfal bniet qed jaccettaw ir-rieda t'ommhom u tal-genituri taghha li joqoghu bieb ma' bieb mar-rikorrenta, it-tifel minuri Andrea qed ikun iktar inadempjenti;

f) illi hu inutli li jitqabbad psikologu biex imbaghad:

- l-omm stess titkellem kontra l-esponent quddiem it-tfal;
- il-genituri tar-rikorrenta izidu fid-doza b'mod irresponsabbli, liema haga qed taffettwa lit-tfal;

g) illi jistghu jigu kkwotati incidenti li graw fuq l-imgieba tar-rikorrenta u l-genituri taghha li servew biex affetwaw lit-tfal b'mod negattiv u cioe, ezempju wiehed - meta l-esponent icempel ghat-tfal u r-rikorrenta tirrispondi, hi tghid: "somebody wants you" jew inkella "there is someone on the phone for you"; u mhux tghid li hemm l-esponent bhala l-missier taghhom. Din l-attitudini hi ukoll tat-tifla minuri Francesca. Ezempju tnejn : It-tifla minuri Cristina kemm-il darba tirreferi ghall-esponent b'ismu "John" u mhux "daddy". Meta hi giet mitluba taghti spjegazzjoni ta' dan, ir-risposta kienet ghaliex ir-rikorrenta u l-genituri taghha qalulha biex tghid hekk. Ezempju tlieta : It-tifel minuri Andrea kellu ritratt fil-kamra tieghu meta' kien ma' missieru meta marru Rinella Movie Park. Ir-rikorrenta ordnat it-tifel minuri Andrea biex inehhi r-ritratt jew inkella tqattghu. Ezempju erbgha; Sia l-minuri Cristina kif ukoll it-tifel Andrea kemm-il darba indikaw li r-rikorrenta u ommha jirreferu ghall-esponent bhala "a devil with four horns";

h) illi li gie indikat iktar kmieni hu kredibbli ghax it-tfal jghidu l-verita' bl-innocenza taghhom, liema haga turi b'mod car li r-rikorrenta u anke l-genituri taghha meta suppost igibu ruhhom b'mod responsabbli, qeghdin jaghmlu hsara irreparabbli bil-konsegwenzai iktar serji fil-futur;

i) i) illi fil-perjodu li t-tifel baqa' fil-pussess ta' l-esponent u dan ghal cirka perjodu ta' disa' xhur, it-tifel minuri Andrea mar tajjeb hafna ma' l-esponent sia fl-imgieba tieghu kif ukoll fl-iskola. Kemm ilu mar-rikorrenta t-tifel Andrea, hu rega' mar lura. Ta' min isemmli li t-tifel imur l-iskola ta' Stella Maris, liema skola hi ezatt faccata ta' fejn joqghod l-esponent. Ta' min isemmi li meta r-rikorrenta ghandha l-kura u l-kustodja tat-tifel, hi rrifjutat tiffirma school report bla ebda raguni u l-esponent ghamilha ghax hass li l-ewwel u qabel kollox l-interess tal-minuri jigi l-ewwel;

j) illi f'okkazjoni wahda l-psikologu Paul Sciberras kien iltaqa' mal-partijiet f'lukanda u kien issuggerixxa illi ghandhom jikkomunikaw iktar ma' xulxin ghall-inqas bit-telephone, ghall-ahjar interess tat-tfal. Fuq dan il-parir kienet ir-rikorrenta stess li minghajr ebda raguni bdiet tkun difficli meta spiccat takkuza u ghal kull intopp li kien jinqala' kienet twahhal fl-esponent. Ill l-esponent meta ra illi r-rikorrenta zammet l-istess attutudini li dejjem gahndha ragun u qatt m'ghandha tort, indikalha illi jekk kienet ser toqghod iccempillu biex tkellmuu b'dan il-mod u majiera, ma ccempillux iktar;

Ghalhekk l-intimat talab li din il-Qorti

1. Tichad it-talba tar-rikorrenta;

2. Jekk tilqa' t-talba tar-rikorrenta, din ta' l-ahhar tigi obbligata tikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tat-tifel;

3. Illi l-esponent jiehu l-kura u kustodja tat-tifel stante li jirrisjedi quddiem l-iskola tieghu u ghalhekk hu prattiku sija ghat-tifel kif ukoll ghall-esponent. Il-prova tad-disa' xhur li l-minuri ghamel ma' l-esponent hu l-ahjar certifikat tal-hila ta' l-esponent meta tigi ikkontrastata mar-rikorrenta;

4. Jigi mnaqqas l-obbligu tal-manteniment ghat-tifel f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tordna li l-esponent jiehu l-kura u l-kustodja tat-tifel;

Rat id-digriet taghha tal-18 ta' Mejju 1999 li bih giet nominata bhala espert psikologa Joan Bugeja;

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmija espert psikologa debitament presentata u kkonfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2000;

Semghet lill-istess espert psikolga;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2000;

Ikkonsidrat:

Fir-relazzjoni taghha, kif ukoll meta xehedet f'dawn il-proceduri, l-espert psikologa kkonkludiet illi t-tifel minuri tal-partijiet ghandu bzonn li jkun taht il-kura ta' psikjatra l-aktar ghall-prevenzjoni. L-istess espert indikat ir-ragunijiet ghal din il-konkluzjoni kemm fir-relazzjoni taghha u kif ukoll fil-kors tad-deposizzjoni taghha. L-istess espert issuggeriet illi anke l-partijiet ghandhom jissuggettaw ruhhom ghall xi tip ta' terapija rigwardanti l-"parenting skills" taghhom f'dan il-periodu fejn qed jisseparaw;

Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lill-qorti li tvarja jew b'xi mod tbiddel dawn il-konkluzjonijiet. Il-Qorti taqbel mal-kostatazzjonijiet kollha li ghamlet l-espert psikologa kif ukoll l-konkluzjonijiet kollha li waslet ghalihom l-istess espert psikologa u ghalhekk dawn qed jigu kollha adottati;

Ma jirrzulta xejn ghala l-ispejjez ta' din it-terapija ghat-tifel minuri tal-partijiet m'ghandiex tkun a kariku tal-missier cioe tal-intimat. Ghar-rigward tat-talbiet tal-intimat kif kontenuti fir-risposta tieghu ghandu jinghad li ma tirrizulta ebda raguni valida ghala r-rikorrenti ghandha tigi obbligata tikkontribwixxi ghal din it-terapija. Lanqas ma tirrizulta raguni valida ghala l-ordni tal-Qorti dwar il-kura u l-kustodja tal-istess tifel minuri ghanda tigi varjata. In vista ta dan kollu l-istess talbiet tal-intimat kif kontenuti fir-risposta tieghu qed jigu kollha michuda;

In vista tas-suggeriment mghamul mill-espert psikologa l-qorti tissollecita lill-partijiet li jiehdu l-pariri kollha necessarji sabiex ikunu jistghu jissuperaw dan il-periodu pjuttost difficli ghalihom bl-ahjar mod possibli;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors promotur taghha billi tilqa l-istess talbiet u ghalhekk tiddikjara li t-tifel minuri tal-partijiet ghandu jitqieghed taht il-kura ta' psikjatra u tordna li l-intimat ghandu jhallas ghal dan it-trattament;

Spejjez kollha ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-intimat.